TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/106/13/S

Elizabeth Galea
vs
Vision Line Communications Limited

Illum 24 t'Ottubru,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Elizabeth Galea pprezentata fil-15 ta'Mejju,2013 u r-risposta tas-socjeta Vision Line Communications Limited ipprezentata fl-10 ta'Gunju,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti Elizabeth Galea u lir-rapprezentant tas-socjeta intimata Herman Bonaci kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fil-5 ta'Settembru,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda allegat hsara li saret fi 'blender' mixtrija mir-rikorrenti minghand is-socjeta intimata;

Illi fl-ewwel lok jinghad li r-rikorrenti stess stqarret li uzat din il-'blender' ghal sentejn fuq xulxin matul zmien il-Milied minhabba li kienet tuza' din il-'blender' biex taghmel 'Christmas logs';

Illi min-naha taghha s-socjeta intimata tenniet li l-hsara fil-'blender' kienet tikkonsisti fis-snien tal-gerijiet li sfaw maqsuma u li minhabba li dawn il-gerijiet huma tal-azzar, dawn inkisru b'uzu ta' materjal ta'ikel li kien iebes;

Illi min jallega, jrid jipprova u dan fuq l-istreqwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" kif spjegat fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) tat-13 ta'Jannar,1999 fl-ismijiet "Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited";

Illi dan it-Tribunal ihoss li r-rikorrenti irnexxilha tipprova dak allegat minnha u cioe li snien tal-azzar m'ghandhomx jinkisru bl-uzu ta' gallettini;

Illi jinghad ukoll li tali hsara saret fil-perjodu tal-garanzija;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Elizabeth Galea u Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Vision Line Communications Limited filwaqt li Jordna lis-socjeta Vision Line Communications Limited taghti lil Elizabeth Galea 'blender' gdid bhal dak minnha mixtri, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru